# Calì, Cremona u Camilleri Cauchi
## – *Anniversarji fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa*

Robert Cassar M.A. (History of Art); B. Cons. (Hons.); B.A. (Hons.)

Fost l-opri artistiċi li nsibu ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa nsibu li erbgħa minnhom din is-sena qed jagħlqu anniversarji minn meta saru. F'dan l-artiklu, barra li sejrin infakkru dan, sejrin ukoll nanalizzaw l-istorja ta' dawn il-kwadri, nitħarrġu ftit dwar l-artisti li ħadmu fuqhom kif ukoll nistudjaw il-kwalitajiet artistiċi li nsibu fihom. Fost l-opri ta' l-arti li se nitkellmu fuqhom insibu l-kwadru li jirrappreżenta lill-Madonna tar-Rużarju mpitter mill-artist Giuseppe Calì fl-1916 u li din is-sena jagħlaq 90 sena minn meta sar. Żewġ kwadri oħra u li din is-sena jagħlqu 40 sena huma l-kwadri laterali tal-kor, xogħol l-artist Emvin Cremona. Fl-aħħar sejrin infakkru wkoll it-30 sena minn meta saru ż-żewġ kwadri laterali tal-kappellun tar-Rużarju, xogħol l-artist Paul Camilleri Cauchi.



### Il-Madonna tar-Rużarju

Dan il-kwadru mdaqqas jiddomina l-artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju fil-kappellun fuq ix-xellug ta' l-artal maġġur. Dan il-kwadru xogħol Giuseppe Calì kien tlesta fl-1916 u sar bit-tħabrik tal-prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, Dun Pietru Demicoli.[1] Il-ħsieb li ssir din il-pittura jmur lura għall-1906 meta Calì lesta l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù u li kien inkixef fil-festa ta' l-artal f'Ġunju ta' dik is-sena. Tant kien intgħoġob, li l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Anton Vella kien ordna mingħand l-istess pittur tlett inkwatri oħra għall-artali ta' taħt in-navi; dak ta' San Duminku, ta' San Mikiel u tat-Twelid ta' Ġesù li kollha tlestew għall-festa ta' Sant'Andrija f'Novembru 1908.[2] Tajjeb wieħed jgħid li Calì diġà kellu kuntatti mal-Fratelanza tar-Rużarju sa mill-1875 meta kien



tqabbad biex ipitter il-karnaġġjon ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa.[3]

Il-kwadru tar-Rużarju fortunatament ġie salvat mill-qilla tat-Tieni Gwerra Dinjija permezz ta' l-għaqal ta' dawk responsabbli għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Dan ġara billi dan il-kwadru flimkien ma' dak ta' l-Agunija u t-titular tal-knisja ttieħdu fil-kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat. Li kieku ma sarx hekk, dan il-kwadru ta' Calì kien żgur jintilef fl-attakk tad-9 ta' April 1942 li fih iġġarraf kemm il-kappellun tar-Rużarju kif ukoll il-biċċa l-kbira ta' wara tal-knisja parrokkjali. Sfortunatament fl-attakk intilef il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù li semmejna aktar 'il fuq kif ukoll il-kwadru l-antik tar-Rużarju li tqiegħed flok ta' Calì waqt il-gwerra. It-tliet kwadri nġiebu lura mir-Rabat fid-29 ta' Ġunju 1945.[4]

Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fih diversi personaġġi huma msawru flimkien biex joħolqu ikonografija pjaċevoli u ta' stil Romantiku. Anke l-kuluri li huma tipiċi ta' l-istil ta' Giuseppe Calì, jagħtu ċerta sens ta' kalma fi ħdan il-kompożizzjoni. Fih naraw il-Madonna bil-Bambin Ġesù f'idejha, it-tnejn imtajrin fuq sħab mimli filwaqt li huma mdawrin bi tliet anġli u fl-isfond naraw l-uċuħ ħelwin ta' kor ta' anġli oħrajn. It-tliet anġli jirrappreżentaw it-tliet taqsimiet tar-Rużarju; dak fuq ix-xellug tal-Madonna jirrappreżenta t-tbatija u għandu l-parċmina tal-kundanna ta' Kristu f'idejh, dak fuq il-lemin jirrappreżenta l-ferħ u jidher qiegħed idoqq l-arpa filwaqt li dak li qed jinkuruna l-Madonna jirrappreżenta l-glorja. Fil-parti ta' isfel tal-kwadru naraw fuq sfond ta' taraġ aħdar fuqu lil San Duminku, f'komunikazzjoni diretta mal-Madonna. F'idu l-leminija naraw l-kuruna tar-Rużarju filwaqt li bl-oħra permezz ta' xabla, jisħaq serpent li jidher jiġri fl-art. Din l-ikonografija tirrappreżenta l-qawwa tar-Rużarju li permezz tiegħu jeqred il-qawwa tal-ħażen li tidher fil-forma tas-serp. Fuq ix-xellug tal-kwadru nsibu lil patri Dumnikan inkinat lill-Madonna filwaqt li jidher jippreżenta ktieb aħmar kbir. Fl-isfond naraw tliet patrijiet oħra Dumnikani jħarsu lejn il-Madonna u li kienu qed jassistu lil San Duminku waqt din l-viżjoni.

Giuseppe Calì kien prolifiku u versatili ħafna fl-arti tal-pittura. Huwa ħadem l-aktar fid-dekorazzjoni ta' diversi knejjes li għandna madwar Malta u Għawdex. Fost dawn insibu xogħlijiet fuq soqfa kif ukoll kwadri fuq it-tila. Barra suġġetti sagri, ħadem ukoll fuq diversi temi profani b'temi romantici li kienu jinvolvu d-dekorazzjoni ta' teatri u bini ta' natura pubblika bħall-banek. Giuseppe twieled fl-14 ta' Awissu 1846, iben il-pittur u mużiċista Raffaele Calì u Giovanna Padiglione, it-tnejn Naplitani. Huwa tgħammed fil-knisja parrokkjali tal-Porto Salvo fil-Belt. Fl-1871 huwa żżewweġ lil Perennia Pace mill-Isla u kellhom għaxart itfal. Ta' sbatax-il sena mar jistudja l-arti fl-*Accademia di Belle Arti* f'Napli taħt Giuseppe Mancinelli. Fost l-ewwel xogħlijiet tiegħu nsibu *Il-Mewt ta' Dragut* li llum tinsab fil-Mużew ta' l-Arti l-Belt. Barra li kien pittur Calì kien ukoll skultur, inċisur u minjaturista. Huwa miet f'numru 9, Triq Sant'Andrija, il-Belt fl-ewwel ta' Marzu 1930 ndifen fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata.[5]

## Il-kwadru Laterali tal-Kor

Wara l-ħerba li ħalliet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja ta' Ħal Luqa reġgħet ittellgħet u ssewwiet filwaqt li minn ġewwa kien hemm bżonn li tiżżejjen b'opri ta' arti ġodda li mlew il-vojt ta' dak li kien intilef għal kollox. Hekk ġara fil-każ tad-dekorazzjoni tal-kor li kien kważi tfarrak għal kollox. F'lok iż-żewġ gallarijiet li kienu mwaħħla mal-ħitan



tal-kor, saru żewġ kwadri kbar mill-artist Emvin Cremona fl-1966. Wieħed minnhom tħallas mill-Ħalluqi-Amerikan, is-Sur Ġużeppi Galea.[6] Wieħed juri lil Sant'Andrija għarkubbtejh f'komunikazzjoni diretta ma' Alla ftit qabel ma jiġi msallab, filwaqt li l-ieħor juri lil ġisem ta' Sant'Andrija qed jiġi trasportat għad-difna.



F'dawn iż-żewġ kwadri naraw il-kapaċità ta' l-artis Cremona fejn għalkemm huwa pittur aktar prolifiku fl-arti moderna, irnexxielu jadatta l-istil tiegħu biex jidħol ma' dak tal-kwadru titulari ta' l-artist Mattia Preti li jinsab fl-ambjent tal-kor bejniethom. Fiż-żewġ kwadri naraw daqqiet ħorox u espressivi li huma tipiċi ta' l-istil ta' Cremona u li joħorġu aħjar it-temi u l-figuri li nsibu fihom. Mill-banda l-oħra, Cremona jagħmel użu mill-*chiaroscuro*, jew aħjar il-logħob bil-kuntrasti ħorox tad-dawl u d-dell b'mod simili għal kwadru ta' Mattia Preti. Naraw ukoll li l-artist jenfasizza l-figura ta' Sant'Andrija fiż-żewġ kwadri billi jitfa raġġ ta' dawl qawwi ġej minn barra l-kwadru filwaqt li l-bqija huma mixħuta f'partijiet aktar mudlama.



Emvin Cremona twieled il-Belt fis-27 ta' Mejju 1919. Huwa studja l-arti fl-iskola ta' l-Arti l-Imsida u wara mar jistudja ġewwa Ruma, l-Ingilterra kif ukoll Pariġi. Bejn l-1947 u l-1960, hu kien jgħallem fl-iskola ta' l-arti tal-Gvern. Huwa kien membru ta' *The Arts Council* u bejn l-1957 u 1979 hu ddisinja diversi edizzjonijiet ta' bolli. Huwa kien jspeċjalizza fl-arti sagra u għandu diversi xogħlijiet kbar fil-knejjes lokali, fosthom id-dekorazzjoni tas-saqaf tal-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun u ta' San Publju fil-Furjana. Barra minn dawn huwa kien prolifiku fid-dekorazzjoni murali. Huwa miet fid-29 ta' Jannar 1987.[7]

## Il-Viżitazzjoni u Marija Annunzjata

Dawn iż-żewġ kwadri jistgħu jitqiesu fost l-aktar riċenti mill-kullani twila ta' opri ta' arti li tħaddan il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Il-kwadri tal-viżitazzjoni u ta' Marija Annunajzata saru bħala kwadri laterali għall-kappellun tar-Rużarju fejn qegħdin jakkumpanjaw il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li semmejna aktar 'il quddiem. Dawn saru mill-pittur Paul Camilleri Cauchi u tlestew għall-festa ta' Sant'Andrija ta' l-

1976. Dawn tħallsu mis-Sinjuri Ġużeppi Galea u Girgor Vella.[8]



Fiż-żewġ kwadri, l-artist ipprova jqarreb l-ikonografija u l-istil mal-pittura ta' Giuseppe Calì. Fihom naraw xebħ ukoll fl-iskema kromotika kif ukoll il-kuluri tal-panneġġi tal-figuri għalkemm Camilleri Cauchi pitter iż-żewġ kwadri b'tonalitajiet skuri. Dan ta' l-aħħar joħroġ l-istil karettersitiku tiegħu.

F'wieħed minnhom l-artist pinġa l-episodju mill-iskrittura fejn Marija marret iżżur lil qariba tagħha Eliżabetta. Ix-xena tieħu post f'ambjent intern, sewwa sew tidher ukoll tieqa fl-isfond li tagħti għal fuq barra. Marija sottomessa hija rrappreżentata bħala figura feminili żgħira fl-età li tikkontrasta ferm mal-figura mdaħħla aktar fiż-żmien ta' Eliżabetta. Fil-kwadru l-ieħor naraw l-istess sottomissjoni li toħroġ fil-figura tal-Madonna fejn tidher għakubbtejha lesta li tilqa' l-aħbar permezz ta' l-Anġlu Gabriel li jidher itir maġenbha li hi ssir omm Alla. L-artist enfasizza dan l-intervent divin permezz ta' raġġ ta' dawl li jidher ġej minn fuq jixgħel wiċċ il-Madonna.





L-artist Paul Camilleri Cauchi twieled ir-Rabat Għawdex fit-2 ta' Diċembru 1940, wild l-istatwarju Agostino Camilleri u Frances Cauchi. Huwa studja taħt Ġio. Battista Conti, Ġużeppi Briffa, Ġużeppi Caruana u Toussaint Busuttil. Fl-1960 huwa rċieva diplomi mill-*Press Art School* ta' Londra u mill-Istitut Pietro Vannucci ta' Perugia. Sa l-1973 huwa kien għalliem ta' l-arti fl-iskejjel ta' l-istat. Hawnhekk huwa rriżenja minħabba l-kwantità ta' kummissjonijiet mill-knejjes lokali li kien qed ikollu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu d-dekorazzjoni ta' soqfa ta' knejjes bħal ta' Santa Marija fil-Qrendi u tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema.

1 Kan. Karm Zammit, *Storja Ħalluqija*, Malta, 2000, p.24.

2 Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Malta Veritas Press, 1975, p.273.

3 *Ibid.*, p.253; l-ispejjeż għax-xogħol tħallsu kemm mill-Fratellanza tar-Rużarju kif ukoll minn dik taċ-Ċintura u għalhekk minn dak iż-żmien 'l hemm il-vara bdiet tintuża minnhom it-tnejn fil-purċissjoni taż-żewġ festi.

4 *Ibid.*, p.311.

5 R. Bonnici Calì, *G. Calì Centenary Exhibition 1846-1946*, Malta, 1946.

6 Dun Ġużepp Micallef, *op.cit.*

7 Victor Fenech (ed.), *Malta Six Modern Artists*, Malta University Services Ltd., Malta, pp.73-95.

8 Kan. Karm Zammit, *op. cit.*, p24.